# 123. It-Tlieta ta' Bil-Lejl

It-tlieta ta' bil-lejl; ġol-aqwa nagħsa
qed jonħru n-nies tal-belt; 'mma l-bidwi bieżel
ġa refa' l-bigħa minn ġol-għajn tal-ilma,
u l-belt bil-bgħala ċeqlem ċeqlem nieżel.

Qed jishru n-nies tal-magna tal-elettriku
qalb il-ħsejjes tar-roti u t-twerdin,
jagħtu l-faħam l-ifran u jmexxu l-magni,
dak wiċċhom kollu żejt u maħmuġin.

Jisbaħ fil-għodu s-suq bil-ħaxix mimli,
tadam aħmar bħan-nar barmil barmil,
u l-kmamar mudlamin tan-nies beltija
jisbħu kollha mdawlin bid-dawl tal-fil.

In-nies tal-belt jixegħlu d-dawl fil-kmamar,
l-egħlejjel minn ġos-suq jixtru bil-kejl;
'mma min ifaħħar l-għalqa jew lill-bidwi?
u min jiftakar f'dawk li sahru l-lejl?